Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2003

Talba Numru. 2205/2002

***Coopers & Lybrand***

***vs***

***Bartoli Brothers Limited***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Settembru, 2002, fejn intalab li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lid-ditta attrici s-somma ta' tletta mija u tlieta u hamsin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm353.75) rappresentanti ammont dovut wara servizzi professjonali resi mid-ditta attrici fuq talba mis-socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tas-6 ta' Novembru 2002 kontra s-socjeta' konvenuta.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenutaipprezentata fit-3 ta' Ottubru 2002 li permezz taghha gie eccepit:

1. Illi preliminarjament l-ammont pretiz ma huwiex dovut peress illi huma preskritti ai termini tal-perijodu kwinkennali.
2. Illi fit-tieni lok l-esponenti, socjeta' attrici trid tiddikjara ghal liema servizzi l-ammont pretiz huwa dovut u fuq liema inkarigu sar.
3. Illi fit-tielet lok, l-ammont kif imnizzel fl-avviz ma huwiex dovut.

Ra n-nota pprezentata mid-ditta attrici tat-30 ta' April 2003, li permezz taghha hija cediet is-sorte tal-kawza stante pagament, izda zammet ferm il-kap ta' l-ispejjez.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant it-Tribunal, filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni tal-mertu tal-kawza u dana in vista tan-nota ta' cessjoni pprezentata mid-ditta attrici fit-30 ta' April 2003, u wara li ra illi s-socjeta' konvenuta ma ressqet l-ebda

kontestazzjoni rigward il-kap ta' l-ispejjez, ighaddi sabiex jikkundanna lill-istess socjeta' konvenuta thallas l-ispejjez kollha ta' dina l-istanza.

--------------------------------TMIEM--------------------------------